**FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D**

**Seduta tal-10 ta' Ottubru, 2001.**

**Citazz. Nru: 2812/96FS**

**Maria Dolores Buttigieg u b' digriet tat-18 ta' Frar 2000 Maria Dolores Bonello bhala kuratrici 'ad litem' ghan-nom ta' binha minuri James Bonello**

vs

**Direttur tar-Registru Pubbliku, Mario Bonello u Joseph Galea**

**Il-Qorti,**

**CITAZZJONI**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici li biha ppremettiet:

Illi fil-5 ta' Lulju, 1996 Maria Dolores Bonello tat wild ghal tarbija ta' sess maskili, bl-isem ta' James;

Illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija Att Numru 3183/96 (vide Dok. 'A') isem il-missier tat-tarbija gie erronjament indikat bhala l-konvenut Mario Bonello;

Illi l-missier naturali ta' din it-tarbija mhux il-konvenut Mario Bonello imma l-konvenut l-iehor Joseph Galea;

Illi Maria Dolores Bonello u Mario Bonello kienu zzewgu fid-19 t' Awissu, 1976;

Illi fl-1982 Maria Dolores Bonello kienet inizjat proceduri ghal separazzjoni legali minn ma zewgha l-konvenut Mario Bonello;

Illi effettivament din l-Qorti kienet iddikjarat is-separazzjoni legali bejn Maria Dolores Bonello u l-konvenut Mario Bonello permezz ta' sentenza tal-20 ta' Jannar, 1993;

Illi l-imsemmija Maria Dolores Bonello ma kinitx taf li din l-Qorti kienet ippronunzjat is-separazzjoni personali taghha minn mal-konvenut Mario Bonello, anzi kienet konvinta illi kienet separata biss 'de facto' minn mal-imsemmi konvenut Mario Bonello;

Illi ghaldaqstant, minhabba f' hekk, Maria Dolores Bonello irregistrat lit-tarbija James li hija welldet fil-5 ta' Lulju, 1996 fuq isem il-konvenut Mario Bonello;

Illi fic-Certifikat tat-Twelid ta' James Bonello Att Numru 3183/96 isem il-missier huwa indikat bhala l-konvenut Mario Bonello meta effettivament missier l-istess tarbija huwa l-konvenut l-iehor Joseph Galea;

Ghaldaqstant l-attrici talbet lil din l-Qorti:

1) Tiddikjara illi fic-certifikat tat-twelid tat-tarbija James Bonello (Att Numru 3183/96) isem il-missier gie erronjament indikat bhala l-konvenut Mario Bonello meta l-missier naturali tal-imsemmija tarbija James Bonello huwa l-konvenut Joseph Galea;

2) Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija James Bonello (Att Numru 3183/96) billi fil-kolonna fejn hemm indikat isem u kunjom missier it-tarbija James Bonello tikkancella l-kliema 'Mario Bonello' u tissostitwihom bil-kliem 'Joseph Galea'.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u lista tax-xhieda.

**ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimeti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet;

2. Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent m' ghandux ibati spejjez;

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u lista tax-xhieda.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Galea li eccepixxa:

1. Illi l-esponent jikkondividi l-premessi citattivi u jammetii t-talbiet attrici fis-sens illi huwa l-esponent il-missier naturali tal-minuri James Bonello u mhux il-konvenut l-iehor Mario Bonello.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u lista tax-xhieda ta' Joseph Galea.

Rat li [fol 33] il-konvenut Mario Bonello baqgha kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidrat

Illi d-Direttur tar-Registru Pubbliku irrileva li l-prassi segwita mill-Qrati taghna f'kazijiet ta' din in-natura hi li jekk il-paternita' o meno tigi stabbilita mill-provi migjuba specjalment meta tingieb prova konkreta

fuq l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi, ma jkunx hemm htiega li jsir it-test tad-demm hlief jekk il-Qorti jidhrilha li ghandha tordna tali testijiet a bazi tal-artikolu 70 (3) tal-Kap 16.

Ghalhekk l-imsemmi Direttur ma sabx oggezzjoni ghat-talba attrici, pero' irrimetta ruhu ghal kwalunkwe provvediment li din il-Qorti joghgobha taghti.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju, 1999 fl-ismijiet "Mario Sammut vs Dr Edwina Chetcuti nomine" il-Qorti qalet:

"Illi dawn ir-rizultati medici huma sufficjenti biex, mehuda ma' provi ohra, jwasslu lill-Qorti ghall-konvincement morali li t-tarbija in kwistjoni hija l-wild naturali ta' l-attur. Din il-Qorti, kif presjeduta, f' diversi okkazzjonijiet ohra esprimiet il-fehma illi s-sinifikat u t-tifsira li ghandhom jinghataw lit-termini *"impossibbilita' fizika"* u *"boghod"* imsemmija fl-Artikolu 77 tal- Kodici Civili, kapitolu 16, kienu tali li setghu jaffettwaw il-koncepiment tat-tarbija in kwistjoni. F' din il-kawza ngabu bizzejjed provi li jindikaw illi fiz-zmien tal-koncepiment ta' din it-tarbija ommha kienet il-"boghod" mir-ragel li minnu kienet separata (de facto u sussegwentement legalment) u li fizikament ma kellha ebda kuntatt mieghu w effettivament kienet qed tghix ma' ragel iehor qiesu zewgha. F' dan il-kaz hemm ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-omm li minkejja li wahedha mhux bizzejjed (Artikolu 70 (2) Kapitolu 16) ghandha wkoll l-importanza taghha mehuda ma' cirkostanzi ohra. (Vide

"Maria Grazia Azzopardi pro et noe vs Direttur tar-Registru Pubbliku" - Prim' Awla - deciza 14/4/97 u "Darmanin vs Aquilina pro et noe" - Prim' Awla - deciza 17/10/97)."

Ukoll fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' April, 1997 fl-ismijiet "Maria Grazia Azzopardi proprio et nomine vs Direttur tar-Registru Pubbbliku et" il-qorti qalet:

"Minn din ix-xhieda jirrizulta li ma hemmx kontestazzjoni li fiz-zmien tat-twelid tat-tarbija, l-attrici ma kienetx, u dana ghal zmien twil, tabita ma' zewgha li minnu hija llum legalment separata u li kienet tghix mal-konvenut Borg.

Minkejja il-provvedimenti tal-artikolu 81 tal-Kodici Civili Kapitolu 16 li huwa provvediment anke ta' Ordni Pubbliku, il-legislatur ikkontempla is-sitwazzjoni bhal dik prezenti permezz tal-artikolu 77 tal-istess Kodici. Dan l-artikolu jipprovdi:

"Il-legittimita ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tsita' tigi attakkata wkoll minn kull min jkollu interess, jekk jipprova, illi fiz-zmien bejn it-300 mitt gurnata u l-180 gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita fizika li jghammar ma' martu, minhabba li kien boghod minnha".

Huwa ovvju li l-interpretazzjoni li trid ta' bilfors tinghata dwar 'impossibilita fizika' u dwar il-kuncett ta' 'boghod', huma tali li jistghu b' xi mod jaffettwaw il-koncepiment ta' tarbija. Dan huwa l-ghan ewlieni tal-provvedimenti tal-Kodici li huma intizi biex, fl-interess ta' kulhadd, tkun maghrufa il-paternita' vera tal-minuri koncernat.

F' dan il-kaz din id-distanza u separazzjoni fizika tirrizulta pruvata' liema separazzjoni fizika u totali twassal ghall-impossibilita' li trid il-ligi.

Il-Qorti trid tqies wkoll id-dikjarazzjoni tal-istess omm li ghalkemm ma hijiex bizzejjed biex teskludi l-paternita' tar-ragel (artikolu 70 sub-artikolu (2) Kapitolu 16) ghandha tinghata wkoll dik l-importanza li issegwi mir-rabta naturali ezistenti bejn il-wild u l-omm."

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk jirrizulta li f'kazijiet ta' din in-natura jekk il-paternita' o meno tigi stabbilita mill-provi migjuba specjalment meta tingieb prova konkreta fuq l-impossibilta' fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konjugi, ma jkunx hemm htiega li jsir it-test tad-demm.  Altrimenti id-DNA test ikun necessarju.

Issa fil-kaz in ezami possibilment l-ingredjenti li ma jirrikjedux id-DNA testing jistghu jirrizultaw fil-kaz tac-certifikat ta' James Bonello. Ghalhekk f'dan l-istadju ma hux necessarju li jsir id-DNA testing.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

Il-kawza tibqa' differita ghat-13 ta' Frar, 2002 ghall-kontinwazzjoni tal-provi.